**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat**
Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00259-2017-2**
**Il-Pulizija**
**(Spettur NIKOLAI SANT)**
**Vs**
**John Dyer 542458M**

Illum, 4 ta' Ġunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli fil-Nhar it-13/5/2017 ghal habta ta`03:20hrs bil-vettura WGY113 ġewwa TURISTI TRIQ IT-,SAN PAWL IL-BAHAR

[1] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))
[2] Inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta` l-urina (Kap 65 Section 15 (E))
[3] Bhala persuna volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat u storbju jew b`mod iehor (Kap 9, Artiklu 338 (dd))

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien ta` mhux inqas minn sitt (6) xhur

Rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15A (1), Kap 65 Section 15 (E), Kap 9, Artiklu 338 (dd)

Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i.

Il-prosekuzzjoni tiddikkjara li qed taghlaq il-provi.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Peress illi għalhekk l-akkużi kif imressqa jirriżultaw ippruvati.
Peress illi l-akkuzi gew sodisfacentement pruvati sal-grad rikjest mill-ligi, issib lill-akkużat ħati ta' lakkużi miġjuba kontra tiegħu u

Timmultah multa kumplessiva ta` €2000.00

Tissospendilu il-liċenzja tas-sewqan għal żmien 3 xhur minn nofs il-lejl u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18, tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-licenzja tas-sewqan lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

stante konkors ta' reati u kontravenzjoni il-Qorti tghaddi l-piena ghall-ewwel zewg akkuzi

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Rita Sciberras
Deputat Reġistratur